MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tas-27 ta' April, 2011

Numru. 556/2011

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef-Grimaud)
vs
Joseph McKay, iben Anthony, imwieled Valletta fil-11 ta' Marzu, 1953, Karta ta' l-Identita numru 261553(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-27 ta' April, 2011 għal ħabta tad-9.30 a.m. f'Misrah Kastilja, Valletta:
1. attakka jew għamel rezistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC1357 Brenton Gilford, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
2. ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu skont kif iċċertifikat Dr. Ivelina Petkkova mid-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana;

3. inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta’ PC1357 Brenton Gilford, wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
4. inġurja jew hedded lill-PC1357 Brenton Gilford, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareġ mill-limiti tal-provokazzjoni;
5. qal kliem oxxen jew indeċenti fil-pubbliku, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b’xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ April, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95(1), 96, 221(1), 338(bb) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------